



DEĊIŻJONI (UE) 2026/567 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Marzu 2026

dwar l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2025 (BĊE/2026/7)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Filwaqt li:

- (1) Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41) ⁽²⁾, għandu jinħareġ avviż tariffarju kull sena mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) lil kull debitur tariffarju fi żmien sitt xhur wara l-bidu tal-perjodu tariffarju li jmiss.
- (2) Skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) it-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-ispejjeż annwali tal-BĊE. L-ammont tal-ispejjeż annwali huwa ddeterminat abbażi tal-ammont tan-nefqa annwali li jikkonsisti fi kwalunkwe spiża mġarrba mill-BĊE fil-perjodu tariffarju rilevanti li tkun relatata direttament jew indirettament mal-kompiti superviżorji tiegħu.
- (3) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), sabiex jiġu kkalkulati t-tariffi superviżorji annwali pagabbli fir-rigward ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, u entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, l-ispejjeż annwali għandhom jinqas fuq il-bażi tal-ispejjeż allokat għall-funzjonijiet rilevanti li jwettqu s-superviżjoni diretta tal-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u tal-gruppi sinifikanti taħt superviżjoni u s-superviżjoni indiretta ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u ta' gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), ammonti tariffarji relatati mal-perjodi tariffarji preċedenti li ma kinux għall-għbir, ħlasijiet ta' imgħax riċevuti skont l-Artikolu 14 u ċerti ammonti oħra riċevuti jew rifiżi skont l-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, jekk hemm, għandhom jittieħdu inkunsidrazzjoni wkoll meta jiġu ddeterminati l-ispejjeż annwali.
- (5) Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), fi żmien erba' xhur wara t-tmiem ta' kull perjodu tariffarju, l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għal dak il-perjodu tariffarju għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) ⁽³⁾ u r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41).

⁽¹⁾ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1163/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/468/oj>).

*Artikolu 2***Ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2025**

1. L-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2025 għandu jkun ta' EUR 690 027 932, ikkalkulat kif jidher fl-Anness.
2. Kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għandha tħallas l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali li ġej:
 - (a) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 659 093 053;
 - (b) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 30 934 879.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Marzu 2026.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNEX

Kalkolu tal-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2025

(EUR)

	Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni	Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni	Total
Spejjeż annwali attwali għall-2025	659 019 260	30 763 479	689 782 738
Ammonti meħudin inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41)			
<i>Ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma setgħux jinġabru</i>			
<i>Ħlasijiet ta' imġax riċevuti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq</i>	- 7 973	- 22 471	- 30 444
<i>Ammonti riċevuti jew rifiużi skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq</i>	81 767	193 871	275 638
TOTAL	659 093 053	30 934 879	690 027 932

(Jista' jkun li t-totali ma jaqblux minħabba t-tqarrib għall-eqreb euro.)